**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birzebbuga**

## Laqgħa Nru. 20-07/2016

Data: 9 ta Mejju 2016

Hin: 5.30pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Birzebbuga

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Barun (KB) | – *Sindku* |
| | Joe Cutajar (JC) | – *Viċi Sindku* |
| | Joe Baldacchino (JB) | - *Kunsillier* |
| | Leanne Grech (LG) | - *Kunsillier* |
| | Josette Busuttil (JBD) | - *Kunsillier* |
| | Herman Schiavone (HS) | - *Kunsillier* |
| | Stanley Zammit (SZ) | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | –*Segretarju Eżekuttiv* |

Skużati:

Assenti: Nil

Pubbliku 2

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;

6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;
9. Proġetti
10. Traffiku u parkeġġ
11. Indafa u Ambjent
12. Ġonna, Parks u Soft areas
13. Utilitajiet u Servizzi
14. Infrastruttura
15. Attivitajiet
16. Bye-laws
17. Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ
18. Materji Oħra
19. Aġġornament.

# Minuti - 20-07/2016

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku KB ressaqt il-minuti tat-tmintax (18)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1.1. Il-Viċi Sindku JC għamel referenza għall-minuta 3.8.6 talab li il-kelma "għandu" tiġi sostitwita bil kelma "jara għandux", u l-kliem "li huwa" jiġi sostitwit bil-kliem "bħal eżempju". Il-Kunsill qabel nem con.

1.1.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 3.7.1 u talab li jitneħħa il-kliem, minħabba li huwa doppju. Il-Kunsill qabel nem con.

1.1.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 12.1 3, u talab li l-kliem "SZ" jiġi sostitwit bil-kliem "HS". Il-Kunsill qabel nem con.

1.1.4. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-minuta 2.8.1 u talab li l-kliem "JBD" jiġi sostitwit bil-kliem "JB". Il-Kunsill qabel nem con.

1.1.5. Il-Viċi Sindku JC ressaq mozzjoni ssekondata mill Kunsillier SZ favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien nem con.

1.1.6. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku KB u mis-Segretarju Eżekuttiv SF

1.2. Is-Sindku KB ressaq il-minuti tad-dsatax (19)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2.1. Il-Viċi Sindku JC ressaq mozzjoni ssekondata KB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.2. Ittieħed vot bir-riżultat kien nem con .

1.2.2. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku KB u mis-Segretarju Eżekuttiv SF

## 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Is-Sindku KB għamel referenza għall-materja 2.2 (18) u informa rigward proġett ta bandli aċċessibbli minn kullħadd, propost għaż-żona ta' Triq Herakles. Huwa informa li saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Hon Justyne Caruana, fejn kien ġie diskuss il-proġett. Waqt l-istess laqgħa kien innotat li ma kienx hemm fond allokat, u allura intlaħaq qbil li jsir disinn ta' proġett tal-valur ta' €10,000. Saret evalwazzjoni ta x'jista' jsir b'dan l-ammont u is-soluzzjoni kienu żviluppi relevanti fil-Ġnien tal-Papa, minħabba li l-infrastruttura tal-ġnien hija lesta u għaldaqstant l-ispejjeż ikunu ħafna inqas.

2.2. Il-Sindku KB għamel referenza għall-minuta 2.5 (18) rigward l-appell Freeport. Huwa informa li rappreżentanza tal-Kunsill marret għas-smiegħ tal-appell, liema smiegħ ġie differit. Dan minħabba li fil-bord kien hemm appuntat il-Perit Perit Sarsero li iddikjara konflitt t'interess, u l-avukat Micallef Stafrace, li astjena minħabba li ma

kienx komdu jivvota, ladarba ġieli ħadem għal Kunsill ta Birżebbuġa. Il-Membru li kien baqa' ma vvutax.

2.3. Is-Sindku KB għamel referenza għall-minuta 2.12.2 (18) rigward is-servizz ta' Trasport Pubbliku bejn Qajjenza, u Raħal Ġdid. Huwa informa li wara laqgħa li saret, TM pproponew estensjoni lejn iċ-ċentru ta Raħal Ġdid u għalhekk tiġi sorvolata il-problema.

2.3.1. Il-Kunsill qal li baqa' biss iż-żona tal-Ġebel/Raddiena li mhux servuta, u dan minħabba li r-rotta 119 ma tgħaddix minħabba l-istat tat-triq u ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin. Il-Kunsill iddiskuta li din tal-aħħar hija xi ħaġa li jridu jieħdu ħsieb is-sidien tal-għelieqi, madankollu il-Kunsill għandu jagħmel il-pressjoni neċessarji.

2.3.2. Is-Sindku irrimarka li hemm zoni oħra bil-problema tal-ħitan tas-sejjieħ.

2.3.3. Il-Kunsill għalhekk qabel li hemm bżonn isir stock take ta din il-problema. Il-Kunsillier SZ ingħata l-inkarigu li jibda dan il-proċess. Il-Kunsill qabel li għandhom jittieħdu r-ritratti bħala evidenza, sabiex f'każ li l-Kunsill jieħu xi azzjoni, dawn ikunu jistaw jintużaw.

2.4. Is-Sindku KB għamel referenza għall-minuta 3.12 (18) u informa li l-organizzatur, Sur Manuel Portelli, irtira l-applikazzjoni tiegħu għall-kunċerti

2.5. Is-Sindku KB għamel referenza għall-minuta 17.4 (18) u irrimarka li fl-10 ta Settembru ser ikun hemm il-kunċert ta Rockestra.

2.5.1. Il-Kunsill qabel li l-attività' Jum Birżebbuġa għandha tiġi posposta u għalhekk issir fid-9 ta' Settembru 2016.

2.5.2. Il-Kunsilliera LG ingħatat l-inkarigu sabiex toħloq il-formola tan-nominazzjonijiet għar-rikonoxximenti.

2.5.3. Il-Kunsill innota li Ġieħ il-Lokali ser jingħata lill-Ex-Sindku Joseph Farrugia, kif diġà ġie deċiż f'laqgħa preċedenti.

2.5.4. Il-Kunsillier SZ ingħata l-inkarigu li jiċċirkola l-informazzjoni mal-għaqdiet.

2.6. Is-Sindku KB Sindku għamel referenza għall-minuta 7.4 (18) li titratta l-flus dovuti mingħand il-Kumitat Konġunt u informa lill-Kunsill li intbagħat rapport dwar din il-kwistjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Nel frattemp id-Dipartiment irrisponda, u talab għal iktar informazzjoni u dettalji dwar il-każ. Is-Sindku informa li qabel ma intbagħat ir-rapport, sar tentattiv mas-Sindku ta' Hal Luqa, s-Sur Schembri, sabiex tiġi solvuta din il-materja. Is-Sur Schembri talab li jiġi inkluż fid-diskussjoni il-President ta-Regjun, madankollu l-istess President irrimarka li din mhijiex kwistjoni tar-Reġjun.

2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 2.6 (18) u informa li Transport Malta irrimarkaw li l-Guidelines jgħidu Belishia lights, u sistema oħra jaċċettawom biss f'każijiet eċċezzjonali. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandhom isiru kif rakkomandati minn Transport Malta

2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 2.11 (18), u informa li l-Enemalta, rrifjutaw li l-arblu tad-dawl jitwaħħal wara l-ħajt u minflok għandu jitwaħħal quddiem, minħabba li skont huma, ser ikun qed jostakola il-bankina. Il-Kunsillier SZ irrimarka li dan huwa assolutament il-kontra, u infatti, ġie issuġġeriet sabiex jitwaħħal wara l-

ħajt, sabiex ma jkunx hemm ostaklu fil-bankina. Huwa informa li reġgħet saret komunikazzjoni mal-Enemalta dwar dan.

**NB: 6.12 p.m - Il-Kunsillier HS attenda għal-laqgħa**

2.9. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar materja 12.1 (18) u informa li l-bankina kienet dejqa, u minħabba li xi żmien ilu sar cladding ma faċċata ta residenza privata, issa ġiet idjaq, tant li wheelchair ma jgħaddix.

2.9.1. Il-Kunsill qabel li isir disinn sabiex titwessa il-bankina. .

2.10. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar materja 15.1, (18) u staqsa jekk itteħdietx azzjoni. Huwa ġie infurmat li l-materja għaddiet għand l-ELC sabiex jgħatu parir ta x'għandu jsir.

2.11. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar materja 16.1 (18), u staqsa dwar il-pont ta bejn Pretty Bay u l-ħanut Country Style. Huwa ġie infurmat li dan ix-xogħol ikun jista' jsir wara li jiġi iffirmat il-kuntratt tal-bankini u xogħolijiet relatati.

2.12. Il-Kunsillier JB tkellem dwar materja 2.3 (18) u informa li l-attività' "Anzjan tas-Sena" kienet suċċess. Il-Premju ingħata lil Joseph Farrugia, ir-Ricky, filwaqt li ingħataw 3 rikonoxximenti oħra. Is-Sinjuri, Joseph Abdilla, Carmena Debattista u Joseph Debattista.

2.13. Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti tal-laqgħa numru 19.

# 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

3.1. Is-Sindku informa li saret laqgħa mas-Sur Ian Vella, spettur fi ħdan il-Ministeru ta' tal-Żvilupp Sostenibbli, Ambjent u tibdil fil-klima, rigward il-possibbiltà li jinbena "Cat Cafe" kemxejn kbira, minflok in-numru ta cat stations li hemm fi Triq San Patrizju. Huwa spjega li l-għan huwa li jinġabru il-qtates f'zona waħda, u ma jkunx hawn iktar zoni sparpaljati. Din is-sistema tgħin ukoll għal immaniġġjar aħjar tal-qtates.

3.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li tinbena Cat Caffe, madankollu ma qabilx maż-żona proposta. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillieri għandhom jidentifikaw zoni diversi u sussegwentement, il-Kunsill jiddeċiedi.

3.2. Is-Sindku informa li s-Sinjura Farrugia, residenta fi Triq San Guzepp ilmentat li vetturi qed jitilgħu fuq il-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha, bil-konsegwenza li qed ikissrula l-kaptelli tad-drenaġġ. Għaldaqstant talbet li titwaħħal U-bollard kif twaħħlu fl-istess triq, ftit bogħod mir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li ssir ssir il-verifika u fil-każ titwaħħal U-bollard.

3.3. Is-Sindku informa li s-Sinjura Doris Bonavia, talbet li jsir bank fejn il-Waterpolo Club, "In loving memory of Mrs Grima".

3.3.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li s-Sinjura tipprovdi bank b'donazzjoni lill-Kunsill, u li fuqu, jew fuq xi ieħor tal-għażla tagħha, tkun tista' titwaħħal il-plakka simili ta dawk eżistenti. " In loving memory of Mrs Grima"

## 4. Korrispondenza.

4.1. Is-Sindku ressaq diversi korrispondenza bis-suġġett ikun l-istatwa ta San Pietru li tintrama f'Misraħ il-Knisja.

4.1.1. Ittra mingħand il-Kappillan tal-Knisja datata 18 t'April 2016.

4.1.2. Ittra datata 14 t'April riċevuta mill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birzebbuga.

4.1.3. Ittra datata 6 ta Mejju riċevuta mis-Soċjeta Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga,

4.1.3.1. Fir-rigward ta minuta 4.1.3, il-Kunsillier SZ irrimarka li għall-kuntrarju ta kif hemm imniżżel fil-korrispondenza, huwa ma ta l-ebda informazzjoni ħażina

4.1.3.2. Is-Sindku KB irrimarka li bil-kontra; hemm numru ta dettalji inkorretti f'xi ittri ppreżentati.

4.1.3.3. Il-Kunsillier HS irrimarka li hu jħoss din il-materja mhijiex fil-kompitu tal-Kunsill, madankollu dan is-sentiment ma kienx is-sentiment tal-membri kollha preżenti, u ssemmew diversi punti minn membri diversi.

4.1.3.4. Is-Sindku KB ippropona li l-Kunsill jimxu ma dak li kien deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u għaldaqstant, il-Kunsill għandu jibgħat is-suġġeriment tiegħu skont il-minuta 3.8.6 tal-laqgħa tal-Kunsill Numru 18. Il-Kunsill qabel unanimament

4.1.3.5. Il-Kunsillier JB qal li l-Kunsill għandu jiġi stmat u jiġi kkonsultat dejjem, mhux fejn il-parti l-oħra jaqblilha. Il-liġi tapplika f'kull instant.

4.1.3.6. Is-Sindku żied jgħid li personalment, la darba f'ittra imsemmija f'minuta 4.1.2, l-Għaqda irrimarkat li l-Kunsill m'għandux jindaħal f'ċertu oqsma, jaqbel li l-Kunsill m'għandu jindaħal f'xejn relatat. Eżempju l-istess għaqda talbu sabiex isir żbir tas-siġar biex jiġi akkomodat in-nar tal-festa li jorganizzaw huma. Huwa irrimarka li żbir għandu jsir biss skond il-bżonn tas-sengħa u tal-estetika tal-pjazza u tal-lokal.

4.2. Permezz ta' e-mail mill-Kumpanija TCTC datata 3 ta' Mejju 2016 fejn taw iktar dettalji fuq il-korsijiet proposti mill-Kumpanija TCTC li jinkludu 4-KIDS, LEARNIT IT, EBIZ.

4.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ma jsirux dawn il-korsijiet.

4.3. Permezz ta' e-mail mis-Sur Jonathan Pace datata 26 t'April 2016 fejn f'isem il-Kumpanija NRGY Events, talab li jorganizzaw Family Fun Fair, bejn it-2-3 ta' Lulju, id-9-10 ta' Lulju, u bejn 20-21 t'Awwissu, 2016

4.3.1. Is-Sindku informa li l-attività' tikkonsisti fuq logħob għat tfal, u attivitajiet tal-familja.

4.3.2. Il-Kunsill ippropona li jsiru f'zoni differenti, bħall Promenade ta Wied il-Buni, Promenade tal-Bajja s-Sabiħa, u Promenade tal-Qajjenza.

4.3.3. Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-attivitajiet, preferibbilment f'zoni differenti, bil-kondizzjonijiet ġenerali.

4.4. Permezz ta' e-mail mis-Sinjura Hermina Bonsfield, datata 25 ta' April 2016 fejn talbu li jorganizzaw numru ta attivitajiet fil-bajja s-sabiħa, għall-gruppi ta żagħżagħ li ġejjin Malta, bil-ġranet ikunu 21 ta' Lulju, 28 ta Lulju, 4 t'Awwissu 2016

4.4.1. Wara diskussjoni libera, Il-Kunsill qabel unanimament li jgħati l-permess relevanti, suġġett għall-approvazzjoni u kundizzjonijiet tal-MTA, sakemm jiddelinejaw iż-żona fuq siteplan iżda mhux fiżiku, u jħallu aċċess liberu għall-pubbliku ġenerali. Permess suġġett għall-ħlas relevanti u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-Kunsill

4.5. Permezz ta' e-mail mis-Sur Tony Borg, datata 22 ta' Marzu 2016 fejn talab senjalazzjoni biż-żebgħa fi Triq il-Brolli, bejn Santa Rita u Triq il-Port Ħieles.

4.5.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li huwa mar personalment fuq is-sit, u ivverifika dan il-bżonn minħabba li t-triq hija dejqa.

4.5.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jabbozza disinn għal-konsiderazzjoni tal-Kunsill

4.6. Permezz ta' e-mail mill-Kumpanija Electrowaste, is-Sur Brian Cardona datata 5 ta' Mejju 2016 fejn offra li L-Kunsill jipprovdi spazju sabiex jitpoġġa bin li jintuża għar riċiklaġġ ta tessuti

4.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jingħata spazju fejn il-*bring in site* ta ħdejn id-Depot 31 ta' Marzu f'Dawret Qalb Imqaddsa, bil-kundizzjoni li titnaddaf kontinwament. Il-Kunsill qabel li din għanda ssir bi prova u f'każ ta abbuż jew nuqqas, din titneħħa immedjatament.

4.7. Permezz ta' e-mail datata 9 ta' Mejju mingħand is-Sinjur Andre Camilleri fejn talab booking tal-grawnd tar-ramel, sabiex issir attività b'logħob tal-blalen kbar. F'numru ta ġranet, bejn l-10am u l-5.00pm (Bumper Balls)

4.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva l-użu tal-piċċ tar-ramel fil-ġranet mitluba, bil-kundizzjoni li l-applikant iħallas kontribuzzjoni ġenerali ta €105 għal kull ġurnata sabiex ikopru l-ispejjez ta manutenzjoni, u bil-kundizzjonijiet li jieħu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà, u bil-kundizzjonijiet ġenerali tal-Kunsill.

4.8. Permezz ta' e-mail datata 9 ta' Mejju 2016, mis-Sinjura Tanya Zahra, Sport Malta, rigward NowWeMove Campaign fejn talbu li jżommu l-ftuħ uffiċjali tal-attività fil-Bajja s-Sabiħa, fit-22 ta' Mejju 2016,waqt liema attività jużaw il-piċċ tar-ramel u l-bajja.

4.8.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tinżamm l-attività'.

4.9. Permezz ta' ittra mingħand is-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat barbeque fi Triq Birzebbuga (Triq tal-każin) nhar il-Ġimgħa 29 ta Lulju 2016, mill-5.30pm il-quddiem.

4.9.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill approva unanimament bil-kundizzjonijiet relevanti.

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk hux ser terġa tinżamm l-attività' "Zalzett u Birra".

5.1.1. Is-Sindku informa li huwa m'għandux oġġezzjoni li din issir, madankollu, sakemm ma tinvolvix spejjeż lill-Kunsill. Is-Sindku żied ukoll li din tapplika ukoll għal attività' tal-Qarnit.

5.1.2. Il-Kunsill qabel li joffri lill-organizzatur li tittella' l-attività' madankollu mingħajr spejjez fuq il-kunsill.

5.2. Il-Kunsillier JB staqsa lis-Sindku jekk hux possibli li, fuq suġġeriment ta resident, mat-tabelli li twaħħlu sabiex ma jsirux BBQ, jiġi indikat in-numru tal-Bye-Law tal-Kunsill.

5.2.1. Is-Sindku, flimkien mal-membri preżenti, qabel mal-proposta. Is-Sindku żied jgħid li hemm bżonn li jinbidlu numru ta tabelli li ċċaraw ħabba l-elementi. Il-Kunsillieri qabel ma dan il-punt ukoll.

5.3. Il-Kunsillier JBD staqsa lis-Sindku dwar is-slielem li jeħlu mill-awtorità' kompetenti.

5.3.1. Is-Sindku wieġeb li dawn għandhom jeħlu bħas-snin preċedenti

5.4. Il-Kunsillier JBD staqsa lis-Sindku dwar il-manutenzjoni tal-pont li hemm ħdejn il-Waters Edge

5.4.1. Is-Sindku wieġeb li it-tenders tal-asfaltar u tal manutenzjoni fuq bankini u xogħolijiet oħra ġew imtellgħin fuq is-sistema tal-e-tenders u ser jiġu ippubblikati fil-ġranet li ġejjin. Madankollu is-Sindku informa li il-Viċi Sindku qed jieħu ħsieb il-materja mal-Ministeru tal-Infrastruttura.

5.5. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku jekk tistax tinsab soluzzjoni għal Triq L-Għansar, fejn qed ikun hemm sitwazzjoni kerha bl-iskart, speċjalment nhar ta Tlieta.

5.5.1. Is-Sindku informa li din hija problema mal-lokalita' kollha, minħabba li mhux kullħadd jikkopera u jaderixxi mal-iskeda tal-iskart.

5.5.2. Il-Kunsill innota li possibbilment din il-problema tittaffa permezz ta kameras tas-sigurtà' kif ukoll permezz ta Eco Wardens.

5.6. Il-Kunsillier HS staqsa jekk hux possibli tiġi riveduta l-iskeda tal-iskart, u il-kollezzjoni tibda issir iktar tard minħabba li l-ħin tal-ġabra kif inhi preżenti, i.e. 7.00 a.m. tista' tkun ta inkonvenjenza.

5.6.1. Is-Sindku informa li l-ħinijiet huma marbuta ma Kuntratt, u il-kollettur ma jistax jibdel dawn il-ħinijiet minħabba li jgħati servizz f'lokalita oħra wara Birzebbuga

5.7. Il-Kunsillier HS tkellem dwar Trejqet Wied il-Klima u staqsa lis-Sindku jekk hux ser tittieħed azzjoni fuq is-sewqan eċċessiv li qed ikun hemm fl-istess triq.

5.7.1. Il-Kunsill innotat li sewqan eċċessiv qed isir minn residenti tal-akwati, minħabba li l-pożizzjoni ġeografika ta din it-triq, fejn jirrizulta li mhijiex triq passaġġa.

5.7.2. Il-Kunsill qabel li issir talba lil-Transport Malta sabiex jieħdu azzjoni u possibbilment issir *sleeping* policemen minn naħa tagħhom, peress li huma għadhom kif asfaltaw it-triq, u għaldaqstant possibbilment għadha bil-garanzija.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Ma Kienx hemm materji / rapporti u minuti tal-Kumitati / sotto-kumitati imressqa.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 05/16 li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsillier SZ staqsa rigward pagament numru 3, u dan xi jkopri

7.1.1.1. Is-Segretarju informa li dan ikopri sun-block cream għall-ħaddiema ta barra, li huwa ftit għoli, madankollu addattat għall-ħinijiet twal li jagħmlu barra fix-xemx.

7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier HS, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-rizultat ikun favur unanimament.

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-Management Letters tal-Awdituri, tal-perjodi Jannar sal-21 t'Awwissu 2015, u sal-31 ta Diċembru 2015.

7.2.1. Is-Segretarju informa li huwa sodisfatt bir-riżultat ottenut, u fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jibgħat l-abbozz tar-risposta għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsilliera

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 9. Proġetti

9.1. Is-Sindku informa li l-Proġett tat-Tourist Trail miexi ġmielu. Fejn il-pannelli twaħħlu kważi kollha, noticeboard qegħdin fil-proċess, u l-website qegħda fi stadju avvanzat.

9.2. Is-Sindku informa li l-Proġett tal -Urban Greening miexi kif pjanat, u bħalissa hemm l-offerta miftuħa.

9.3. Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' Misraħ is-Summit, fejn irrimarka li d-disinn kien lest, madankollu, minħabba li l-Kunsill ma jistgħax jagħmel proġetti Kapitali, dan il-proġett ingħata il-ġenb. Huwa ippropona li isir mill-fondi tal-UIF.

9.4. Is-Sindku informa li wara l-evalwazzjoni neċessarja, id-DLG irrakkomandaw lil Lands Department sabiex jikkunsidraw id-devoluzzjoni tal-Parkeġġ ta Wied il-Buni.

9.5. Is-Sindku informa li d-diskussjonijiet mal-Aġenzija Żagħżagħ dwar l-iskate park għaddejjin, u possibbilment dan isir mill-President's Thrust. Huwa informa li saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill ukoll fuq dan il-proġett.

9.5.1. Il-Kunsillier LG infurmat li hemm l-involviment taż-żagħżagħ, li taw ħafna feedback u proposti dwar il-proġett.

9.6. Il-Viċi Sindku JC irrimarka li hemm bżonn attenzjoni lit-taraġ tal-promenade, quddiem il-Każin tal-Partit Laburista.

9.6.1. Is-Sindku informa li dawn ix-xogħolijiet ta manutenzjoni ser jibdew ladarba jiġi evalwat l-offerta u jiġi ikkuntrattat ix-xogħol ta Manutenzjoni ta bankini.

## 10. Traffiku u Parkeġġ

10.1. Is-Sindku tkellem dwar il-proposti ta *traffic calmers* Triq San Filippu. Huwa informa li ma kienx hemm kummenti riċevuti, u għaldaqstant jistaw isiru. Il-Kunsillier SZ ingħata l-inkarigu tal-materja.
.

10.2. Is-Sindku tkellem dwar id-disinn propost ta' Triq il-Port Ħieles. Il-Kunsillier SZ informa li ser jaħdem fuq il-materja sabiex jinġabu l-approvazzjonijiet neċessarji mingħand Transport Malta.

10.3. Il-Viċi Sindku informa li numru ta residenti li għandhom trakkijiet ilmentaw li ingħataw ċitazzjonijiet minħabba s-senjalazzjoni li saret riċenti li ma jistawx jidħlu trakkijiet, f'Birżebbuġa ħlief biex jagħtu servizz. L-istess senjalazzjoni ħolqot inkonvenjent kbir lis-sid tal-Pompa tal-Petrol, minħabba li affetwatlu in-negozju.

10.3.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li issir senjalazzjoni oħra li biex iżżid il-kliem "Residents, or for refuelling"

10.4. Il-Viċi Sindku JC issuġġerixxa li fi Triq L-Għannejja, spazju ta parkeġġ ta karozza, wieħed liem ikun, jinqasam u minfloku isiru 2 ta mutur, biex b'hekk jintrebaħ spazju.

Dan għaliex muturi qed jiġu ipparkjati fil-kaxxi l-kbar, u b'hekk jintilef spazju. Il-Kunsill qabel

10.5. Il-Kunsillier HS irrimarka li il-Ħarruba li ma tneħħietx minn Triq il-Port Ħieles ġiet ta ostaklu għat-triq.

10.6. Il-Kunsilliera LG staqsiet dwar friskar taż-żebgħa tas-senjalazzjoni tat-traffiku

10.6.1. Is-Sindku informa li l-programm tax-xogħol relatat beda diġà

10.7. Il-Kunsillier SZ ressaq suġġeriment li ż-żebra cross li hemm fi Triq Żaren Dalli tiċċaqlaq u titla'- il fuq u issir oħra iktar l-isfel, bejn il-ħwienet ta Turu u tal-laħam.

10.7.1. Is-Sindku KB ippropona li jekk din issir, ssir modifikazzjoni fil-bankina, biex tiġi tesporġi il-barra.

10.7.2. Il-Kunsill qabel li jiġi ppreparat disinn.

10.8. Il-Viċi Sindku JC issuġġerixxa li isir railings quddiem il-ħanut MaKaras. Sabiex jiġi evitat xi inċident.

10.8.1. Il-Kunsill innotat li dan il-ħanut partikolari qed joħroġ ammont ta kaxxi tal-kartun vojta fuq il-bankini, bil-konsegwenza li qed jostakola l-aċċess liberu

10.8.2. Il-Kunsill qabel li jsiru r-railing sakemm il-Kunsill jingħata pjan sodisfaċenti minn sid l-istabbiliment kif ser jiddisponi mill-kartun

10.9. Il-Kunsillier SZ issuġġerixxa li minħabba li Triq il-Port Ħieles hija triq twila, din għanda tiġi segregata u tingħata ismijiet differenti, sabiex b'hekk tiffaċilita l-d-direzzjonijiet u identifikazzjoni taż-żoni

10.9.1. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suġġeriment minħabba l-proposta ta by-pass.

10.9.2. Il-Kunsill qabel li jevalwa l-possibbiltà ta tabelli, jew senjalazzjoni oħra li tindika id-direzzjoni tan-numri tal-bibien tar-residenti.

10.10. Il-Kunsill iddiskuta t-tismija tal-misraħ ta quddiem il-Mużew. Il-Kunsill ippropona li jissemma Misraħ San Gorg Preca

10.11. Il-Kunsillier HS għamel referenza għal Triq Iz-Zurrieq kantuniera ma Triq Sant'Anglu.

10.11.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm approvazzjoni mingħand Transport Malta għal Traffic Island.

10.11.2. Is-Sindku ippropona li din issir one way, madankollu il-Kunsill innota li din kienet hekk fil-passat iżda tneħħiet minħabba li affetwat ħafna in-negozju ta dik it-triq.

10.11.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jsir disinn taż-żona fejn jinbidlu il-parkeġġi u b'hekk it-triq tingħata dehra differenti, b'immaniġjar tat-traffiku aħjar.

10.12. Il-Kunsilliera JBD talbet li jsir eżerċizzju ta verifika ma numru ta garaxxijiet li ma jintużawx għal-skopijiet ta garaxx, u b'hekk jista' jiġi gwadanjati numru ta spazji ta parkeġġi.

10.13. Il-Kunsillier JB irrimarka li l-ħanut Corner store jaqla ħafna ċitazzjonijiet għax m'għandux alternattiva fejn jipparkja u jħott, minħabba li qied fil-kantuniera. Huwa irrimarka li hemm numru ta ħwienet fiż-żona, li ibagħtu minn din il-ħaġa, u anke d-delivery persons,, minħabba li m'għandhomx spazju riservat għall-Loading and Unloading.

10.13.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tintbagħat it-talba lil-Transport Malta.

## 11. Indafa u Ambjent

11.1. Is-Sindku Kevin Barun qal li numru ta stabbilimenti qed jiġġeneraw kwantità sostanzjali ta skart, u mhux qed jiddisponu minnu huma. Il-Kunsillier HS ingħata l-inkarigu sabiex jieħu ħsieb din il-materja

11.2. Il-Viċi Sindku JC irrimarka li hemm bżonn isir tindif ta' ħaxix ħażin minn Triq L-Għannejja il-parti ta fuq.

11.2.1. Il-Kunsilliera JBD żiedet tgħid li hemm bżonn isir l-istess fi Triq il-Fossili

11.3. Il-Kunsillier LG irrimarkat li hemm bżonn tiżdied il-frekwenza tat-tindif tal-promenade tal-Bajja s-Sabiħa speċjalment fil-parti ta "hedge"
.

**NB: 8.30 p.m. Il-Kunsill qabel unanimament li issir estensjoni tal-laqgħa b'siegħa.**

## 12. Ġonna, Parks u Soft Areas

12.1. Ma kienx hemm materji diskussi

## 13. Utilitajiet u Servizzi

13.1. Is-Segretarju ressaq erbgħa (4) applikazzjonijiet relatati mad-dawl tal-festun tal-promenade tal-Qajjenza.

13.1.1. Il-Kunsill approva unanimament

13.2. Il-Kunsillier SZ ressaq żewġ applikazzjonijiet għall-ikonnetjar ta' lampi, waħda fi Trejqet l-iskola u waħda fi Triq tal-Papa, il-parti tat-triq li tagħti għall-istabbiliment Carribean.

13.2.1. Il-Kunsill approva unanimament

## 14. Infrastruttura

14.1. Ma kienx hemm materji diskussi

## 15. Attivitajiet

15.1. Ma kienx hemm materji diskussi

## 16. Bye-Laws

16.1. Is-Sindku KB tkellem dwar il-Bye-Law tat-tisjir u qal li minħabba li din tirrestrinġi l-Kunsill sabiex iżomm l-attivitajiet tiegħu, hemm bżonn li jsir aġġustament fiha.

16.1.1. Huwa ippropona li ssir emenda, fejn anke tiżdied iż-żona fejn jistaw isiru BBQs, bil-gass, u jiġi introdott ħlas ta €3

16.1.2. Il-Kunsill qabel li dawn l-emendi għandhom jiġu abbozzati u diskussi iktar fil-fond.

## 17. Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ

17.1. Is-Sindku informa li sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda, mingħand is-Sinjorina Amanda Vella.

17.2. Il-Kunsilliera LG informat li din tagħlaq is-sittax-il sena fil-ġranet li ġejjin, u għaldaqstant, jekk il-Kunsill jaċċetta l-applikazzjoni, għanda tiġi appuntata f'Ġunju

17.3. Il-Kunsill qabel li s-Sinjorina Vella għandha tiġi appuntata fil-laqgħa li jmiss.

## 18. Materji Oħra

18.1. Il-Kunsillier SZ ressaq talba mingħand l-operatur ta-trampolin li jarma fil-bajja s-sabiħa, sabiex jingħata sors ta elettriku, bi ħlas / rimbors tal-ispejjeż.

18.1.1. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba, u issuġġerixxa li l-applikant jagħmel applikazzjoni għall-meter temporanju

## 19. Aġġornament tal-laqgħa

19.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 13 ta' Ġunju 2016 fil-5.30pm. .

Il-laqgħa intemmet fid-9.15 p.m

**[Iffirmata]** **[Iffirmata]**

*Kevin Barun*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***13 ta Gunju 2016***